MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 90/2008

**Joseph Vella**

**vs**

**Saviour u Catherine konjugi Spagnol**

**Perit Duncan Mifsud**

**Attard Blue Mix Concrete Supplies Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tat-30 ta' Jannar 2008 li jghid hekk:

(1) Illi huwa proprjetarju ta' basement garages, maisonettes, appartamenti u penthouses mibnija fuq plots 7, 8 u 9 Triq is-Siniskalk, iz-Zejtun skond permessi tal-bini numru PA04455/05 mahruga mill-Malta Environmental and Planning Authority li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument JV1.

(2) Illi r-rikorrenti kien ta kuntratt ta' appalt ghal bini tal-istess basement, garages, appartamenti u penthouses fuq plots 7,8 u 9 Triq is-Siniskalk, iz-Zejtun liema kuntratt ta' appalt kellu jigi esegwit taht id-direzzjoni tal-konvenut intimat Perit Duncan Mifsud.

(3) Illi fil-25 ta' Lulju 2006 il-Perit Duncan Mifsud irrediga l-kuntratt ta' appalt bil-miktub biex jintlahaq ftehim fuq ix-xoghol ta' kostruzzjoni. Effettivament dan il-ftehim ma giex iffirmat imma gie miftiehem quddiem l-istess perit kif jirrizulta mid-dokument JV2 hawn anness.

(4) Illi dan ix-xoghol tal-bini kollu tlesta hlief ghas-saqaf tal-penthouses u tal-opramorta relattiva kif ukoll il-kontrabejt oltre l-konkos tal-art tad-drive in u l-konkos ta' zewg garages zghar.

(5) Illi dan ix-xoghol ma giex esegwit skond is-sena u l-arti u hemm perikolu car li sejjer jiggarraf minhabba difett fil-kostruzzjoni.

(6) Illi dan id-difett fil-kostruzzjoni jikkonsisti illi s-soqfa kollha tal-istess binja ossija ta' basement garages, maisonettes, appartamenti u penthouses mibnija fuq plots 7, 8 u 9 Triq is-Siniskalk, iz-Zejtun ma sarux skond is-sengha u l-arti tant li feggew konsenturi u qsim fis-soqfa u inhasset il-htiega li jsiru testijiet specjalizzati fuq il-konkos li kien intuza wara li kien tqabbad 'structural engineer' biex jiddeciedi dwar is-sodezza o meno tal-istess soqfa.

(7) Illi l-'structural engineer' li tqabbad mill-konvenut intimat Perit Duncan Mifsud kien il-Perit Christopher Azzopardi.

(8) Illi l-imsemmi Perit Christopher Azzopardi ma riedx jassumi responsabbilta ghall-istess soqfa u ordna illi jsiru t-testijiet strutturali fuq il-konkos mill-Euro Test Limited.

(9) Illi dawn it-testijiet mill-Euro Test Limited saru kif jirrizulta mid-dokumenti minnhom mahruga tal-10 ta' Ottubru 2007, 30ta' Ottubru 2007 u 10 ta' Jannar 2008 li kopji taghhom qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti JV3, JV4 u JV5.

(10) Illi jirrizulta mill-istess testijiet maghmula minn Euro Test Limited illi l-konkos uzat biex saru s-soqfa ma kienx tajjeb, kien deficjenti, tant li ma kienx jiflah ghal piz li ghalih kien intenzjonat u skond l-istess Perit Christopher Azzopardi dawn is-soqfa jridu jitbiddlu u l-binja ghandha titwaqqa u terga' tinbena mill-gdid.

(11) Illi l-konvenut intimat Attard Blue Mix Concrete Supplies Company Limited kienet is-socjeta li ssuppliet il-konkos ghas-soqfa tal-binja ossija basement, garages, maisonettes, appartamenti u penthouses mibnija fuq plots 7, 8 u 9 Triq is-Siniskalk, iz-Zejtun.

(12) Illi l-attur informa b'dan mill-ewwel lill-konvenuti intimati li l-konkos ma kienx strutturalment tajjeb kif imiss u kien jinhtieg li s-soqfa jridu jitbiddlu u l-binja ghandha titwaqqa' u terga' tinbena mill-gdid biex il-fondi jigu ripristinati ghall-istat prezenti taghhom skond is-sengha u l-arti u jaghmlu tajjeb ghad-danni kollha li sofra l-attur u li ghad jista' jsofri minhabba l-fatt illi huwa ma jistax juza l-fondi ghall-iskop intenzjonat, liema danni jikkonsistu mhux biss fit-twaqqigh u bini mill-gdid tal-istess binja imma wkoll f’telf ta' qliegh u profitt li l-attur rikorrent kien jaghmel kieku huwa kien jinnegozja l-bini fi zmien utili oltre li ghandhom ikunu responsabbli ghar-rifuzzjoni tal-hlas ta' imghaxijiet bankarji fuq l-ispiza ghal bini tal-istess blokka interkorsi mir-rikorrent attur.

(13) Illi l-intimati huma responsabbli in solidum bejniethom mhux biss ghat-twaqqigh u bini mill-gdid tal-binja fuq imsemmija imma wkoll ghad-danni kollha li sofra l-attur liema danni jridu jigu likwidati minn din il-Qorti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

(14) Illi r-rikorrent interpella lill-konvenuti inti mati bi protest gudizzjarju tat-22 ta' Jannar, 2008 biex jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni minnu sofferti.

Jghidu ghalhekk l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din il-Qorti m'ghandiex in solidum bejniethom:

(1) Tiddikjarahom li ma esegwewx l-appalt lilhom moghti skond is-sengha u l-arti fil-kostruzzjoni ta' basement garages, maisonettes, appartamenti u penthouses mibnija fuq plots 7, 8 u 9 Triq is-Siniskalk, iz-Zejtun skond permessi tal-bini numru PA04455/05 mahruga mill-Malta Environmental and Planning Authority li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument JV1 u li l-fondi imsemmija jew bicca minnu huma f'perikolu car li sejrin jiggarrfu minhabba difett fil-kostruzzjoni tas-soqfa u/jew li ma utilizzawx konkos jew materjal iehor adattat u idoneu ghal kostruzzjoni meritu tal-appalt.

(2) Tordna lill-istess konvenuti intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera u supervizjoni ta' periti nominandi jesegwixxu dawk ix-xogholijiet kollha necessarji inkluz it-tkissir u t-tnehhija tal-binja u tas-soqfa prezenti, s-sostituzzjoni tal-istess binja u soqfa b'konkos adegwat u li jaghmlu x-xogholijiet kollha rimedjali u xogholijiet ohra li jista' jirrizulta l-htiega li jsiru fil-kors tal-kawza u kull xogholijiet ohra mehtiega sabiex il-fondi jigu ripristinati fl-istat pristinu taghhom kif inhu llum imma mibnija skond is-sengha u l-arti.

(3) Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex huwa jaghmel dawk ix-xogholijiet kollha indikati fit-talba precedenti ghall-iskopijiet tal-istess talba u dan a spejjez tal-istess konvenuti intimati in solidum bejniethom u taht id-direzzjoni tal-perit nominat.

(4) Tiddikjara lill-konvenuti intimati responsabbli ghad-danni kollha sofferti u konsegwenzjali ghax-xoghol hazin minnhom maghmul inkluz telf ta' profit li l-attur rikorrenti seta' jaghmel kieku l-binja kienet mibnija skond is-sengha u l-arti u dan fi zmien utili kif ukoll hlas ta' imghaxijiet li l-attur rikorrenti qed jaghmel lill-istituzzjonijiet bankarji konnessi mal-binja in kwistjoni.

(5) Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi d-danni kollha sofferti mill-attur rikorrent minhabba l-agir tal-konvenuti intimati in solidum bejniethom inkluz it-telf ta' profit li l-attur rikorrenti seta' jaghmel kieku l-binja kienet mibnija skond is-sengha u l-arti kif ukoll ir-rifuzjoni tal-hlas ta' imghaxijiet li l-attur rikorrenti qed jaghmel lill-istituzzjonijiet bankarji konnessi mal-binja in kwistjoni.

(6) Tikkundanna lill-istess konvenuti intimati biex ihallsu dawk id-danni likwidati konsegwenzjali ghax-xoghol hazin minnhom maghmul inkluz telf ta' profitt li l-attur rikorrenti seta' jaghmel kieku l-binja kienet mibnija skond is-sengha u l-arti kif ukoll ir-rifuzjoni tal-hlas ta' imghaxijiet li l-attur rikorrenti qed jaghmel lill-istituzzjonijiet bankarji konnessi mal-binja in kwistjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tat-22 ta' Jannar 2008, tal-mandat ta' sekwestru numru 86/08 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konjugi Spagnol li tghid hekk:

1. Illi x-xoghol ta' kostruzzjoni ezegwit mill-esponenti sar skond is-sengha u l-arti u sar taht id-direzzjoni tal-perit inkarigat mill-attur, u cjoe il-Perit Duncan Mifsud;

2. Illi mhux minnu illi l-konkos illi intuza ma kienx tajjeb, u dana kif jidher mir-rizultat tat-testijiet illi saru fuq l-istess saqaf mis-socjeta Attard Bros. Ltd. u certifikat mill-Perit Adrian Falzon;

3. Illi l-konkos li ordnaw l-esponenti kien tal-kwalita kif miftehma mar-rikorrenti u ghalhekk ma ghandhomx fi kwalunkwe kaz jinzammu responsabbli ghad-danni reklamati mir-rikorrenti;

4. Illi ghaldaqstant l-esponenti ma jistghux jinzammu responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost trid issir prova tad-danni attwalment sofferti mill-attur;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta Attard Blue Mix Concrete Supplies Company Limited li tghid hekk:

1) Illi s-socjeta eccipjenti gatt ma kellha rapport guridiku mal-attur billi hija kkontrattat biss mal-konvenut Saviour Spagnol u t-talbiet kollha ghandhom ghalhekk, almenu fil-konfront taghha, jigu michuda.

2) Illi l-azzjoni odjerna illi tidher illi hija dik kontemplata fil-Ligi bhala azzjoni mis-sid ta' bini kontra kuntrattur u perit ta' bini illi jkun fi perikolu ta' tigrif ma tistghax tigi ezercitata kontra min, bhall-eccipjenti odjerna, ma kienx kuntrattur jew perit tal-bini izda kien biss biegh xi materjali tal-bini lill-kuntrattur.

3) Illi inversament, jekk l-azzjoni hija imsejsa fuq l-ezekuzzjoni tal-appalt fdat lill-konvenuti l-ohra, din l-azzjoni ma hiex ezercitabbli kontra min sempliciment issupplixxa uhud mill-materjali tal-bini, wisq anqas jekk il-kuntratt ta' bejgh jkun sar, kif inghid, mill-eccipjenti mal-konvenut l-iehor Spagnol.

4) Illi l-allegazzjonijiet illi l-konkos supplit mis-socjeta eccipjenti ma kienx tajjeb jew kien deficjenti hija inveritjera, billi l-konkos supplit mis-socjeta eccipjenti (dejjem lill-konvenut Spagnol) kien tajjeb u jikkonfoma mis-sengha u l-arti u kien ukoll jikkonforma mal-kwalitajiet mitluba mill-imsemmi konvenut Spagnol.

5) Illi t-testijiet illi ghalihom issir riferenza fir-rikors tal-atturi huma kkontestati mill-eccipjenti billi ma jaqblux ma' testijiet maghmula mis-socjeta eccipjenti skond sistemi u standards universalment rikonoxxuti mnejn irrizulta kif inghid, illi l-konkos supplit kien tajjeb u skond is-

sengha u l-arti u kien ukoll jikkonforma mal-kwalitajiet mitluba mill-imsemmi konvenut Spagnol.

6) Illi anke kieku ghall-grazzja tal-argument kellu jirrizulta illi l-konkos supplit ma kienx tajjeb, jigi rilevat illi l-eccipjenti qatt ma kienu jafu illi ma kienx tajjeb u ghalhekk ma humiex legalment obbligati jaghmlu tajjeb ghad-danni allegatament sofferti.

7) Illi ghalkemm l-azzjoni attrici tidher illi imsejsa fuq jekk kienx jew le tajjeb jew deficjenti l-konkos supplit mill-eccipjenti, f'kaz illi fil-kors tal-kawza, il-bazi tal-azzjoni tal-atturi tigi modikata b'mod illi tkun imsejsa fuq il-kwalitajiet imweghda tal-konkos, jigi eccepit illi;-

a) Il-konkos supplit mis-socjeta eccipjenti (dejjem lill-konvenut Spagnol) kien tajjeb u jikkonfoma mal-kwalitajiet mitluba mill-imsemmi konvenut Spagnol.

b) L-azzjoni in konnessjoni ma' jekk tali konkos kienx jikkonforma jew le mal-kwalitajiet imweghda tispetta biss lill-konvenut Spagnol.

c) Dik l-azzjoni tista' tkun indirizzata biss biex twassal ghar-rimedji mahsuba fid-dispozizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 16.

8) Illi s-sahha ta' konkos ma hiex ddeterminata biss mill-operat ta' min jissuplixxih izda dik is-sahha hija ukoll influenzata mix-xogholijiet preparatoriji illi jkunu saru qabel it-tqeghid tal-konkos u kif ukoll ghax-xogholijiet (curing u vibrazzjoni) illi jsiru wara illi jkun inghata l-konkos.

9) Illi ukoll is-sahha tal-konkos fil-kuntest tal-integrita strutturali tal-bini huwa ukoll diterminat minn fatturi bhall-hxuna tieghu u l-kwalita u l-kwantita ta' hadid illi ntuza fih, illi ma humiex konnessi mal-kwalita tal-konkos per se.

10) Illi r-rimedju mitlub mill-atturi (cioe illi l-konvenuti jwaqqghu u jergghu jibnu l-binja) ma huiex kontemplat fil-Ligi illi tikkontempla biss il-hlas tad-danni.

11) Illi d-danni ipotetici pretizi mill-atturi huma ezagerati u jeccedu dak permess mill-Ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-perit Duncan Mifsud li tghid hekk:

ILL! t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. ILLI l-esponenti wettaq l-inkarigu professjonali tieghu bil-kura u l-attenzjoni kollha mehtiega u b'hekk l-inkarigu tieghu gie mwettaq skond is-sengha u l-arti;

2. ILLI l-fondi imsemmija fir-rikors tal-atturi m'ghandhomx difetti tan-natura allegata minnhom u dana peress illi m'huwiex minnu li l-konkos illi ntuza ma kienx tajjeb, u dana kif jirrizulta mir-rizultat tat-testijiet illi saru fuq l-istess saqaf mis-socjeta konvenuta “Attard Bros. Co. Ltd”;

3. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konkos in kwistjoni ma kienx ordnat mill-esponenti pero dan kien ordnat mill-konvenut Spagnol u ghalhekk l-esponenti ma ghandux jinzamm responsabbli ghad-danni reklamati mir-rikorrenti;

4. ILLI, ghaldaqstant, l-esponenti ma jistghax jigi tenut responsabbli ghad-danni li qed jilmentaw minnhom l-atturi;

5. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, trid issir prova tad-danni attwalment sofferti mill-atturi;

6. Salv eccezjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat l-atti, ir-relazzjoni tal-perit tekniku Godwin Abela;

Rat in-nota ta’ cessjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta Attard Blue Mix Concrete Supplies Company Limited;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Talba u kontestazzjoni**

Illi l-azzjoni odjerna hija dika illi hija kontemplata fl-artikolu 1638 tal-Kodici Civili bhala azzjoni mis-sid ta' bini ghall-hlas ta' hsara kontra kuntrattur u perit ta' bini illi jkun fi perikolu ta' tigrif;

Illi r-rikorrent isostni li minn testijiet maghmula mill-kumpanija Euro Test l-konkos uzat biex saru s-soqfa ma kienx tajjeb u l-bini jinsab fi stat perikoluz ghalhekk dawn is-soqfa jridu

jinbidlu u l-bija titwaqqa' u terga' tinbena mill-gdid. Talab ukoll id-danni, telf ta' profitt u imghax;

Il-konvenuti Spagnol u Mifsud wiegbu li x-xoghol sar skont is-sengha u l-arti u li l-konkos li intuza kien tajjeb. Ir-rikorrenti ghandu jaghmel il-prova tad-danni attwalment sofferti.

**Ligi**

Illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija bazata fuq l-artikolu 1638 tal-Kodici Civili li jipprovvdi li:

(1) "Jekk bini jew xoghol iehor kbir ta' gebel, mibni b'appalt, fi zmien hmistax-il sena minn dak in-nhar li tkun tlestiet il-kostruzzjoni, jinqered, kollu jew bicca minnu, jew juri li hemm periklu car li sejjer jiggarraf minhabba difett fil-kostruzzjoni, jew ukoll minhabba difett tal-art, l-arkitett u l-appaltatur ghandhom iwiegbu ghal dan.

(2) L-azzjoni ghall-hlas tal-hsara ghandha titmexxa fi zmien sentejn minn dak in-nhar li jigri xi wiehed mill-kazijiet hawn fuq imsemmija".

Illi skont gurisprudenza ta' dawn il-Qrati,

1. Fost id-dmirijiet tal-arkitett dirigenti hu wisq importanti dak li jissorvelja adegwatament ix-xoghol in korso (ara **Francesco Saverio Farrugia vs AIC Joseph A. Tonna**, App Civ 25/03/1970 u **Edward Theuma et vs John Saliba et**, App Kum 17/11/1972);

2. Il-perit inkarigat mid-direzzjoni ta' bini hu obbligat jivverifika anke il-materjali li jkunu qeqhdin jigu wzat fil-bini (ara **Avukat Dr. Carlo Moore nomine vs AIC Carmelo Falzon et**, PA 04/11/1957);

3. Ir-responsabilta tkun ghal difett ta' kostruzzjoni, minbarra difett tal-art, u dak difett jista' jkun mhux biss xoghol hazin imma anke xoghol ezegwit b'materjal hazin (ara **Rebecca Aquilina vs Giuseppe Sciortino et**, App Kum 05/12/1955, **Nobbli Gioacchino Attard Montalto vs Emmanuel Schembri et**, App Kum 28/06/1957 u **Emanuel Abela vs Perit Arkitett Fred Valentino et**, App 04/12/1998);

4. F'kazijiet bhal dawn wiehed ghandu jivvaluta l-kolpa fuq il-principju tal-kolpa professjonali, fejn il-kolpa jehtieg li tkun inkurja gravi jew injoranza supine (ara **Angelo Reitano et vs AIC Charles Cumbo**, App Civ 31/05/1957, **Bonsons Limited vs AIC Catherine Galea**, App

05/10/2001, **Roderick Muscat et vs Perit Brian Ebejer**, App Inf 06/10/2010 (mill-Alfabett tal-Kodici Civili. Imh. P. Sciberras. Vol A p 301);

5. Fost id-dmirijiet tal-appaltatur kif osservat fl-Appell Inferjuri tas-6 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira Agius et** imbaghad insibu li:

> (1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" **(Kollez Vol XL pI p485**).
>
> (2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).
>
> (3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI pI p667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (**Kollez Vol XXV pI p727**). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (**Kollez. Vol XLII pII p1003**).
>
> (4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (**Kollez. Vol XLI pII p892**);
>
> (5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (**Kollez. Vol XXXVIII pI p292**);

(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik irresponsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor ilkommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2));

(1) Jinsab deciz illi "jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad jezegwixxi x-xoghol hazin, u fil-fatt ix-xoghol ikun fih xi difetti, dan ma hux bizejjed biex il-Qorti tiddikjara l-appaltatur responsabbli ghad-danni; ghax jekk id-difetti huma tali li fil-fehma tal-Qorti, u a sodisfazzjoni taghha, ma jaghtux lok ghad-danni, id-deklaratorja tar-responsabilita` ghad-danni ma hiex ammissibbli. U dan aktar u aktar jekk jittrapela li d-difetti riskontrati huma tant insinjifikanti u riparabbli malajr …" (**Kollez. Vol XLII pII p699**);

(2) Issokta jigi ritenut illi jekk id-difetti ma jkunux essenzjali jew sostanzjali l-appaltant ma ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt izda biss li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati (**Kollez. Vol XXX pIII p433**), jew l-appaltatur jaccetta riduzzjoni fil-prezz ("**John Bonnici pro et noe -vs- Anthony Sammut**", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994);

(3) "A contrario sensu meta d-difetti huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol" – ("**Victor Tabone -vs- Felix Mifsud**", Prim'Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1994).

**Provi**

Joseph Vella xehed li kien qabbad lill-Perit Duncan Mifsud u l-kuntrattur Spagnol sabiex jibnulu plots li kellu. Meta beda jitqieghed il-konkos, dan ma bediex jogghbu u ghalhekk kien kellem lill-perit izda dan kien qallu li l-problema ma kinitx daqstant serja u li x-xoghol kien ser jibqa' sejjer. Kien qabbad lill-kumpanija Eurotest biex taghmel testijiet fuq il-konkos. L-ewwel darba kienu hadu tlett samples imma billi kien hemm bzonn ta' aktar testijiet ittiehdu zewg samples ohra. Meta ra r-rizultati tat-tieni testijiet l-Perit Chris Azzopardi kien qallu li huwa ma kienx se jaccetta dak ix-xoghol. Kien qabbad lil Eurotest jaghmlu testijiet ohra fuq l-appartament li baqa u anke hemmhekk il-grad rikjest ma kienx ntlahaq. Il-kuntrattur kien responsabbili biex jordna l-konkos. Kienu saru testijiet ukoll minn Attard Bros li qalu li l-

konkos huwa tajjeb izda hu ma qabilx mal-konkluzzjoni taghhom. Ghalhekk kellu jaghmel dina l-kawza.

Angelo Cassar, iz-ziju ta' Joseph Vella, xehed li meta taw il-konkos tas-saqaf tal-groundfloor, wara li nixef il-konkos osserva li kien hemm diversi xquq li ma kienux normali. Ghalhekk qal lil Joseph Vella bdan u kellem lill-Perit William Lewis li ma ghogbuhx dawn ix-xquq u skont Vella l-perit kien ssuggerixxa li jsiru testijiet fuqu. Kienet tqabdet kumpanija privata li hadet samples. Kien irrizulta li l-konkos ma kienx tal-grad li suppost ikun, anzi kien baxx hafna. Minhabba f dan ir-rizultat il-Perit Azzopardi ma riedx jassumi responsabilita ghal bini u l-konkos. Kienu saru ukoll testijiet minn Attard Bros.

Perit Christopher Azzopardi xehed li gie mqabbad bhala structural engineer fuq dan il-progett. Hu kien rah ir-rizultati ta' Eurotest Ltd flimkien mal-kljent. Dawn urew livelli baxxi u ssuggerew li jsiru aktar tests peress illi tlett samples fuq 180 jardi kubi ta' konkos kienu ftit wisq u seta sar zball fil-prelevament tas-samples. Attard Bros. kienu kkonfermawlu li l-konkos li nghata fuq is-saqaf tal-garaxx kien C30 u mhux C25 kif bdew jahsbu. Hu kien issuggerixxa li jittiehdu aktar samples. Ma jiftakarx li semma mal-kljent li hemm problemi.

Tony Spiteri, manager ta' Eurotest Ltd xehed li fuq inkarigu tal-attur kien ha kampjuni mill-konkos u ttestjahom u hareg tlett certifikati JV3 - JV5. Il-kljent kien iddirigih fejn jiehu l-kampjuni. Esebixxa Dok. TS1 u TS2 biex jissostitwixxi d-dokumenti JV3 u JV4 billi hemm zball fil-kolonna 'Depth of Concrete'.

Perit Duncan Mifsud xehed li kien inkarigat mill-progett u fuq ftehim mal-klijent kien qabbad structural engineer u site architect. L-attur kien qallu li kien inkwetat fuq il-kwalita tal-konkos u kien tah parir li jittiehdu samples biex isiru testitjiet. Il-klijent qabbad lil Eurotest Ltd. Id-dokument TS1, TS2 u JV5 huma certifikati dwar testijiet li saru fuq is-saqaf tal-garaxxijiet minn dina l-kumpanija. Hu ma jafx x’tip ta' samples hadu ghalhekk kien qal lill-klijent biex jittiehdu samples fil-presenza tieghu pero minn dan ma sar xejn. Ix-xquq li ra l-kljent kienu parti mill-curing process u ma kienux inkwetanti, izda l-kljent baqa' jinsisti u ghalhekk kien qallu biex jaghmel aktar testijiet. Billi t-testijiet u t-tehid tas-samples ma sarx fil-presenza

tieghu u tal-Perit Azzopardi huma ma setghux jikkummentaw fuq it-testijiet ta' Eurtotest u talbu testijiet godda. Lil Eurotest ma kienx kellimhom ghax mhux hu kien qabbadhom.

Il-konvenut Saviour Spagnol xehed li kien imqabbad bil-kostruzzjoni tal-binja in kwistjoni flimkien mal-Perit Mifsud. It-tqeghid tal-hadid tar-rinfurzar kien spezzjonat mill-Perit Azzopardi u l-konkos gie fomit mis-socjeta Attard Bros. fuq parir tal-Perit Azzopardi. It-tip ta 'konkos ordnat kien tal-grad C30 u C 25 skond kif jordnalu l-perit. It-tip jew grad takonkos ikun indikat fuq il-pjanta.

**Nomina periti teknici**

Illi dina l-Qorti (diversament presjeduta) kienet innominat lill-Perit Godwin Abela biex iqis l-aspetti teknici marbuta mal-ilment tar-rikorrent briferenza ghall-konsistenza u l-adekwatezza tas-soqfa mertu tat-talbiet tar-rikorrenti u tad-danni li jirrizultaw jekk ikun il-kaz. Il-Perit kien awtorizzat, jekk ihoss il-htiega, li jirrikorri ghall-ghajnuna teknika. L-espert tekniku gie awtorizzat min dina l-Qorti biex bi ftehim mal-partijiet Terracore Ltd taghmel it-testijiet fuq kampjuni tal-konkos.

**Testijiet maghmulin minn Terracore Ltd**

It-testijiet saru minn Terracore Ltd u r-rizultati tat-testijiet maghmulin min Terracore Ltd jinsabu ezibiti mal-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2013.

Minn dawn ir-rizultati jemergi li:

Illi fil-groundfloor level is-sahha tal-konkos kien oltre dak previst minn konkos tat-tip C30 li normalment wara t-tqeghid u l-curing process jaghti rizultat b'medja ta' bejn 25/27 N/mm u hawn ta rizultat ta' bejn 41.4 N/mm u 43.3 N/mm;

Fis-sulari l-ohra, il-hames kampjuni mehudin minn Terracore taw rizultati ta' bejn 25.9 N/mm2 u 30.9 N/mm2. Dan iffisser illi s-sahha tal-konkos f'dan is-sular kien oltre dak previst

minn konkos tip C25 li normalment wara t-tqeghid u l-curing process jaghti rizultat b'medja ta'bejn 20/23 N/mm;

Fis-second floor jirrizulta li s-sitt kampjuni mehudin minn Terracore, taw rizultati ta' bejn 21 N/mm u 33.3 N/mm. Dan iffisser illi fil-medja, is-sahha taI-konkos f'dan is-sular kien oltre dak previst minn konkos tip C25 li normalment wara t-tqeghid u l-curing process jaghti rizultat b'medja ta' bejn 20/23 N/mm2.

**Konkluzzjoni tal-espert tekniku Perit Godwin Abela**

1) IIIi fl-opinjoni tieghu u kif jirrizulta mill-provi u mill-access li nzamm il-kostruzzjoni tal-binja saret skond il-permessi mahruga.

2) Illi fl-opinjoni tieghu u kif jirrizulta mit-testijiet, il-binja in kwistjoni mhijiex fi stat li se tiggarraf, lanqas ma hi fi stat perikolanti jew li qed tkun tal periklu ghall-binjiet ohra adjacenti maghha.

3) IIIi fl-opinjoni tieghu w kif jirrizulta mill-accessi l-kostruzzjoni tal-binja hija kwazi kompletata hlief ghat tisqif tal-penthouse u li qed issir hsara lill-istruttura mibnija jekk tithalla ghal aktar zmien miftuha ghall-elementi tenut kont tal-fatt li din il-binja ilha f'dan l-istat ghal dawn l-ahhar hames snin.

4) Illi fl-opinjoni tieghu w kif jirrizulta mill-provi migburin u testijiet, il-kwalita tal-konkos fomit u wzat mill-kuntrattur Saviour Spagnol kienet tajba u konformi mal-istandards rikjesti fil-kamp tal-kostruzzjoni.

5) IIIi fI-opinjoni tieghu w kif jirrizulta mill-provi migburin, il-Perit Duncan Mifsud ghamel xogholu bl-akbar professjonalita' partikolarment fid-dizinn tal-istruttura fejn l-elementi kollha formanti parti mill-istess struttura jindikaw dizinn ghall-struttura stabbli w konformi ma' dak rikjest.

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

Bhal kull prova ohra, rapport ta' perit tekniku hu kontrollabbli mill-gudikant u l-Qorti m'ghandha l-ebda obbligu li taddotta l-fehma espressa mill-perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha. Hu maghruf pero li fi kwistjonijiet ta' natura teknika, il-Qorti m'ghandix facilment tiskarta l-opinjoni espressa minnu. F'cirkostanzi simili sabiex tiskarta tali fehma "Il-konvizjoni kuntrarja taghha ghandha tkun informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament

ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika." (**C. Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat**, App (1967) Vol.LI.I.390).

Issa fil-kaz in ezami, I-Qorti sejra toqghod fuq il-fehmiet tal-perit tekniku u t-testijiet li saru minn kumpanija esperta fil-kamp koncemat, f'dak li jirrigwarda l-hila u l-kompetenza teknika, ukoll ghaliex ma ntalbet ebda perizja addizzjonali u fl-istess waqt l-ebda wahda mill-partijiet ma ressqet provi jew argumenti tajba bizzejjed biex twassal lil din il-Qorti biex titbieghed minn dik il-kompetenza taghhom jew mir-rizultanzi li hargu waqt it-twettiq tal-hatra moghtija lilhom.

Illi f'dina l-kawza r-rikorrent ibbaza t-talba tieghu biex fuq il-premessa illi skont hu l-konkos uzat biex saru s-soqfa ma kienx tajjeb u l-bini jinsab fi stat perikolanti.

Hu principju kardinali ben affermat fid-duttrina procedurali illi l-gudikant hu fid-dmir li jiddeciedi iuxta allegata et probata. Li jfisser, illi d-decizjoni tieghu ghandha tkun estratta unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet tal-partijiet u tac-cirkustanzi tal-fatti dedotti u provati a bazi tat-talba jew tal-eccezzjoni (**Mifsud Borg vs Farrugia**, App Inf 11/12/2009).

Principju bazilari ta' dritt iehor huwa illi, f'kaz illi l-attur ma jipprovax il-premessi ghat-talbiet tieghu, dan ikun ifisser ic-cahda ta' dawk it-talbiet u l-liberazzjoni tal-parti konvenuta (**H.J. Link et vs Raymond Mercieca,** App Inf 21/01/2001).

Illi f'dan il-kaz l-espert tekniku kkonferma li (i) il-konkos uzat huwa tajjeb u konformi mal-istandards rikjesti fil-kamp tal-kostruzzjoni; (ii) il-binja m'hijiex fi stat li se tiggarraf, lanqas ma hi fi stat perikolanti jew li qed tkun tal perikiu ghall-binjiet ohra adjacenti maghha; u (iii) li l-intimat Perit Duncan Mifsud ghamel xogholu bl-akbar professjonalita partikolarment fid-dizinn tal-istruttura fejn l-elementi kollha formanti parti mill-istess struttura jindikaw dizinn ghall-struttura stabbli u konformi ma' dak rikjest.

Jigi rilevat finalment, ghal kull buon fini, li anke Attard Bros. kienu ghamlu t-testijiet taghhom u kienu sabu wkoll li l-konkos fornit kien tajjeb (ara fol. 56).

Illi ghalhekk jirrizulta li mir-relazzjoni tal-espert tekniku t-talbiet tar-rikorrent mhumiex gustifikati u konsegwentement se jigu michuda.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi fil-konfront tal-intimati Spagnol u Mifsud tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

Fil-konfront ta' Attard Blue Mix Concrete Supplies Company Limited, in vista tan-nota ta' cessjoni tar-rikorrent, tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talba, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------